

# IL-KLERU SENGLEAN F'RIĠLEJN MARIJA BAMBINA INKURUNATA

Prof. Stanley Fiorini

**Dakinhar tal-4 ta' Settembru 1921, il-kleru tal-Bażilika Minuri tal-Isla kien miġbur bi ħġaru fix-Xatt madwar it-tribuna għall-inkurunazzjoni ta' Marija Bambina mill-Isqof Dom Mawru Caruana O.S.B., assistit mill-Isqof Anġlu Portelli u l-Isqof Ġwann Marija Camilleri. Fuq quddiem nett ir-Reverendu Primiċerju, il-Kanonku Dun Franġisk Marengo, ir-Reverendu Arċipriet Kanonku Dun Ġużepp Adami D.D., il-Kanonku Dekan Dun Salv Mousù, il-Kanonku Kantur Dun Stiefnu Camilleri, il-Kanonku Teżorier Dun Salv Adami, il-Kanonku Teologu Dun Manwel Galea D.D., il-Kanonku Penitenzier Dun Pietru Ottone Bonello, il-Kanonku Prepostu Dun Kostantin Caligari, il-Prokuratur Kanonku Dun Ġużepp Spiteri, u l-bqija tal-Kapitlu u Kanonċi Onorarji, Dun Osea Caruana, Dun Ġwann De Domenico, Dun Franġisk Zarb B.A., D.D., Dun Ġużepp Bonanno, Dun Salv Galea, Dun Nerik Bonnici, Dun Ġużepp Benedetti u, fl-aħħar, żewġ kanonċi li, sewwasew dik-sena (1921), ingħataw il-pussess tagħhom, jiġifieri, Dun Vittorju Gaffiero u Dun Karm Bonnici.**

Ma setax jonqos Dun Goffred Lubrano li l-Arċipriet Adami ħass li kellu jingħatalu t-titlu ta' Kanonku Onorarju għall-ħidma bla waqfien tiegħu biex din il-ħolma tal-Bambina inkurunata fi Knisja Bażilika ssir realtà. Kanonċi Onorarji oħra, l-ewwel fl-anzjanità, Mons. Injazju Panzavecchia, Mons. Leopoldu Farrugia D.D., saċerdoti oħra kappillani ta' diversi parroċċi, fosthom Dun Salv Galea Kappillan ta' Ħal Tarxien, Dun Vincenz Azzopardi D.D., li sas-sena 1919 kien il-Kanonku Penitenzier tal-Kapitlu Senglean, Kappillan ta' Ħal Qormi, u Sengleani oħra membri tal-kleru, fosthom Dun Rafel Capurro, Dun Ġużepp Darmanin B. Lit., D.D., u Dun Franġisk Abela.

Kien hemm ukoll Dun Ang Raggio, l-aħħar Prepostu tal-Filippini kif ukoll żewġ patrijiet Benedittini minn Monte Cassino, Dom Paolo Cauchi u Dom Mawru Inguanez. Kien hemm ukoll għadd ta' kjeriċi Sengleani, għadhom ma ordnawx saċerdoti, bħal Mikiel Cefai-Zarb, Karm Bonnici u Karm Calascione (li lkoll ordnaw sena wara fl-1922), Arturo Bonnici (ordna fl-1928) u Vincenz Camilleri (ordna fl-1931); l-aħħar tnejn ħadu l-pussess ta' Kanonċi fl-1932.

Minn dawk preżenti dakinhar, ħafna kienu li stinkaw kemm felħu biex dak l-avveniment uniku fil-ħajja Sengleana jitwettaq. Is-sena 1921 kienet sena li ma tintesa qatt fl-annali Sengleani. Wara trattattivi iebsa u ħidma diplomatika sfiqa tas-Sengleani Dom Mawru Inguanez, Dun Goffred Lubrano u l-Arċipriet Adami, il-Papa Benedittu XV, fit-3 ta' Jannar 1921, ħareġ id-digriet tiegħu għall-erezzjoni tal-Kolleġġjata Sengleana f'Bażilika Minuri bil-privileġġi kollha marbuta ma' dan it-titlu.




Kartolina kommemorattiva

Din kienet il-faċċata l-oħra tal-munita tal-inkurunazzjoni tal-istatwa, l-ewwel li qatt seħħet f'dawn il-gżejjer, billi l-inkurunazzjonijiet l-oħra kollha ta' qabel kienu ta' kwadri. Fl-Isla kien hemm ferment sħiħ ta' entużjażmu. Tista' taqrah fl-uċuħ tal-voluntiera Sengleani li daħlu għal kull biċċa xogħol li kienet tinħtieġ, inkluż dik li jsir u jitqiegħed il-baldakkin, simbolu bażilikali. Ara r-ritratt li ġabet it-Times of Malta f'din l-okkażjoni:



*Il-Perit Andrea Vassallo mal-voluntiera quddiem il-parti ta' fuq tal-baldakkin qabel tqiegħed.*

Dan ix-xogħol kollu sar f'temp ta' tliet xhur, bejn it-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-pedament fit-12 ta' Ġunju sa Awwissu ta' qabel l-inkurunazzjoni. Minn ta' quddiem fost dawn il-protagonisti mill-kleru, insibu lill-Primiċerju Marengo, l-Arċipriet Adami, it-Teologu Dun Ġużepp Darmanin li f'idejh tħalliet il-predikazzjoni f'dawk il-festi u l-Isqof Anġlu Portelli li qaddes pontifikal fis-7 ta' Settembru. Oħrajn taw sehemhom sħiħ fl-organizzazzjoni ta' dawk il-ġranet: Dom Paulo Cauchi O.S.B. niseġ il-paniġierku fil-festa tat-8 ta' Settembru, il-Kan. Teologu Manwel Galea kkompona l-Innu popolari tal-Bambina "O Marija, O ħelwa Bambina", fuq mużika tal-Maestro di Cappella tal-Bażilika Sengleana, Ferdinandu Falzon, filwaqt li l-poeta nazzjonali tagħna, Dun Karm Psaila, kiteb il-versi tal-innu "Issa Ntemmet ix-Xewqa ta' Qalbna" li mmużikahom il-kompożitur Malti famuż Ġużeppi Caruana. Id-dar ta' Mons. Panzavecchia – kantuniera ta' Sda Vittoria ma' Sda San Michele – ospitat wieħed mill-isqfijiet barranin li ħadu sehem f'dawk iċ-ċelebrazzjonijiet.



*Id-dar ta' Panzavecchia: 84, Triq il-Vitorja.*



Wara l-inkurunazzjoni, ħafna kienu dawk il-membri tal-kleru Senglean li diġà kienu jew saru prominenti sew fil-ħajja Sengleana u nazzjonali. Insemmu lill-Kanonku Teologu Dun Manwel Galea B.Lit., B.LCan., J.C.D., D.D., li kien Professur tal-Liġi Kanonika fl-Università bejn l-1930 u l-1942, li sar Monsinjur tal-Katidral fl-1930, Isqof ta' Tralles fl-1942, u Isqof Awżiljarju tal-Arċisqfijiet ta' Malta, Mons. Mawru Caruana u Mons. Mikiel Gonzi. Insemmu lil Mons. Injazju Panzavecchia li kemm dam fil-pastorali tal-parroċċa kien direttur tal-Ospizju Sant'Anna, sar Monsinjur tal-Katidral fl-1902 u bit-titlu Cavaliere Segreto tal-Papa Piju X u Protonotaro Apostolico, fl-1913 sar Kappillan Konventwali tal-Ordni Sovran ta' San Ġwann. Hu involva ruħu sew fil-ħajja politika ta' Malta hekk li fl-1910 waqqaf il-Partit Comitato Patriottico bil-għan li Malta tikseb kostituzzjoni liberali, għan li ntlaħaq fl-1921. Insemmu lil Dom Mawru Inguanez li kien arkivista f'Montecassino u Medjevalista ta' fama internazzjonali u li, fl-aħħar ta' ħajtu, sar Biblijotekarju tal-Biblijoteka Nazjonali tagħna.



*L-Isqof Emmanuele Galea*

Tnejn minn dawk preżenti f'dak il-jum memorabbli kienu l-Kanonku Dun Ġużepp Bonanno u r-Rev. Ġann Karl Burlò D.D. li wara laħqu Arċiprieti tal-Parroċċa Sengleana fis-snin 1927-1939 u 1948-1966 rispettivament. Burlò, li reġa' tella' l-knisja wara l-ħerba tal-gwerra, ħa l-pussess



*Mons. Injazju Panzavecchia*



*Dom Mawru Inguanez*

ta' Monsinjur tal-Katidral meta wiret is-salib pettorali ta' Mons. Capurro fl-1967.



*Arċipriet Bonanno*



*Arċipriet Burlò*

Oħrajn saru kappillani ta' diversi parroċċi, fosthom il-Kan. Dun Karm Bonnici B.LCan., D.D., li sar Prepostu tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara fl-1924, laħaq Professur tal-Morali fl-Università fl-1935 u Monsinjur tal-Katidral fl-1939; Dun Artur Bonnici B.A., B.LCan., D.D., sar Professur tal-Istorja Ekkleżjastika fl-Università fl-1939, kien Segretarju tal-Isqof Galea u l-Fundatur-President tas-Soċjetà Storika ta' Malta li waqqaf fl-1950; il-Kan. Salvu Galea, ħu

l-Isqof futur Emmanuele Galea, li fl-1921 stess sar Kappillan ta' Ħal Tarxien; Dun Salv Pavia D.D. li laħaq Kappillan ta' Ħal Luqa bejn l-1929 u l-1936; u Dun Mikiel Cefai-Zarb B. Lit., B.LCan., D.D., li siefer biex jaħdem mal-emigrati Maltin f'Detroit; Dun Ġużepp Darmanin B.Lit., li sar Viċi Rettur tas-Seminarju fl-Imdina bejn l-1922 u l-1923 u wara laħaq Rettur bejn l-1928 u l-1931; u Dun Karm Calascione B.LCan., D.D., li ntgħażel Dekan tal-Kapitlu Senglean fl-1939.

B'mod speċjali nfakkru lill-Kan. Goffred Lubrano, il-moħħ u l-arkitett ta' dan l-avveniment. Hu ggradwa B.LCan., D.D. mill-Università ta' Malta fl-1919 u ordna Saċerdot f'Settembru 1920. Kif ġa għedna, kien ingħata t-titlu ta' Kanonku Onorarju għal ħidmitu fl-1921 u ħa l-pussess proprju ta' Kanonku fl-1930. Il-ħidma pastorali tiegħu fl-Isla inkludiet li jkun Direttur tad-Domus. Sar Kantur u wkoll Primiċerju tal-Kapitlu Senglean. Ingħata t-titlu ta' Kappillan tal-Ordni ta' San Ġwann u l-Papa Pawlu VI ddekorah bl-onorifiċenza Pro Ecclesia et Pontifice u għażlu Monsinjur tal-Papa. Fi tfuliti, niftakru għadu jħabrek fl-Isla sa ma miet fis-26 ta' Marzu 1978, fl-età ta' 84 sena.



*Il-Kan. Lubrano*

## BIBLIJOGRAFIJA

Bonnici, Alexander, *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina*, vol. III (Malta: Comprint 1991)

Bonnici, Francis, *The Academic Formation of Maltese Priests: 1838-1938* (Malta: BDL 2019).

Schiavone, *Michael, Maltese Biographies of the Twentieth Century* (Malta: PEG 1997).

COSY CORNER

Confectionery

*Speċjalizata: Cakes, Pastizzi, Qassatat, Etc... Also caterers for all occasions*

4th September Square
Senglea

Mob: 7928 9555

